



C/2024/3886

1.7.2024

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tas-16 ta' Mejju 2024 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Sofiyski rayonen sad – il-Bulgarija) – “Toplofikatsia Sofia” EAD

(Kawża C-222/23 ⁽¹⁾, Toplofikatsia Sofia (Kunċett ta' domiċilju tal-konvenut))

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili – Regolament (UE) Nru 1215/2012 – Ġurisdizzjoni u eżekuzzjoni tas-sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali – Proċedura għal ordni ta' ħlas – Kunċett ta' “domiċilju” – Ċittadini ta' Stat Membru li għandu l-indirizz permanenti tiegħu f'dan l-Istat Membru u l-indirizz attwali tiegħu fi Stat Membru ieħor – Impossibbiltà li jinbidel jew li jiġi rrinunzjat dan l-indirizz permanenti)

(C/2024/3886)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

Qorti tar-rinviju

Sofiyski rayonen sad

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: “Toplofikatsia Sofia” EAD

Dispożittiv

- 1) L-Artikolu 62(1) tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, għandu jiġi interpretat fis-sens li:
jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li bis-saħħa tagħha ċ-ċittadini ta' Stat Membru li jirrisjedu fi Stat Membru ieħor jitqiesu li huma ddomiċiljati f'indirizz li jibqa' dejjem irreġistrat fl-ewwel Stat Membru.
- 2) L-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 5(1) tar-Regolament Nru 1215/2012 għandhom jiġu interpretati fis-sens li:
jipprekludu li leġiżlazzjoni nazzjonali, kif interpretata mill-ġurisprudenza nazzjonali, tagħti lil qorti ta' Stat Membru l-ġurisdizzjoni sabiex toħroġ ordni ta' ħlas kontra debitur li fir-rigward tiegħu jeżistu raġunijiet plawżibbli li wieħed jemmen li, fid-data tal-preżentata ta' din it-talba għal ordni ta' ħlas, kien iddomiċiljat fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, f'sitwazzjonijiet differenti minn dawk previsti fit-Taqsimiet 2 sa 7 tal-Kapitolu II ta' dan ir-regolament.
- 3) L-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2020/1784 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2020 dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali (notifika ta' dokumenti), għandu jiġi interpretat fis-sens li:
ma jipprekludix li qorti ta' Stat Membru, kompetenti sabiex toħroġ ordni ta' ħlas kontra debitur li fir-rigward tiegħu hemm raġunijiet plawżibbli li wieħed jemmen li huwa ddomiċiljat fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, tindirizza ruħha lill-awtoritajiet kompetenti u tuża l-mezzi mqiegħda għad-dispożizzjoni minn dan l-Istat Membru l-ieħor sabiex tidentifika l-indirizz ta' dan id-debitur għall-finijiet tan-notifika jew tal-komunikazzjoni ta' din l-ordni ta' ħlas.

⁽¹⁾ ĠU C 223, 26.6.2023.